# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Mejju 2000**

**Numru 48**

**Citaz. numru 99/86DS**

Carmelo Bartolo
vs
Anthony Vella, Joseph Vella u Carmelo Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta' Carmel Vella Limited, Joseph Cauchi, Paul Agius u Joseph Agius

Illum, 23 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-24 ta' Jannar 1986 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi:

L-attur kien impjegat ma' Carmelo Vella Limited bhala sprayer;

Fil-25 ta' Mejju 1984 hu gie mqabbad mill-foreman Joseph Cauchi biex jahdem xoghol ta' konkos fil-barriera tal-istess ditta limiti tan-Naxxar;

L-istess Joseph Cauchi remgha l-armar u qabbad lill-attur izomm pjanca taz-zingu;

Minn fuq din il-pjanca kien qieghed jizzerzaq il-konkos ghal go bajla mqabbda mal-crane liema kienet misjuqa minn Joseph Agius;

Il-konkos kien qieghed gol-lifter li kienet misjuqa minn Paul Agius u minn dan, l-istess konkos kien jinzel ghal fuq il-pjanca msemmija;

F'mument il-bucket tal-lifter infetah b'sahha u l-konkos hareg bis-salt ghal fuq il-pjanca mizmuma mill-attur liema pjanca nfaqghet;

L-incident sehh minhabba n-negligenza tal-konvneuti jew min minnhom;

L-attur kawza tal-incident wegga u sofra nkapacita permanenti (circa 25%) u danni kif jigi pprovat waqt il-kawza;

Il-konvenuti cahdu r-responsabbilita;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut jew min minnhom responsabbli tal-incident tal-25 ta' Mejju 1984 li sehh fil-barriera limiti tan-Naxxar propjeta tad-ditta konvenuta f'liema incident wegga l-istess attru kagun tan-negligenza tal-istess konvenuti jew min minnhom;

2. tillikwida d-danni li sofra l-istess attur risultat tal-incident fuq imsemmi, b'opra ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuti in solidum jew min minnhom ihallsu lill-attur id-danni fuq likwidati.

Bl-ispejez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha nomine et fejn qalu:

1. illi l-incident in kwistjoni gara imhabba f'negligenza tal-attur stess illi flok zamm il-pjanca taz-zingu f'angolu, kif kien muri, biex il-konkos jinzel u jizloq maghha, zamm l-istess pjanca b'mod pjan, u b'hekk il-konkos ma mexiex u l-pis tieghu lewa l-istess pjanca.

2. Illi ghalhekk ebda wiehed mill-konvenuti ma huwa responsabbli ghall-incident, li, kif inghad gara biss ghaliex l-attur zamm hazin il-pjanca, cioe mhux kif kien istruit biex izommha.

3. Illi, f'kwelunkwe kaz, l-attur ma setax wegga b'mod li ikollu hsara fisika permanenti, u certament mhux tal-grad li qieghed jippretendi.

Rat id-digriet tal-5 ta' Novembru 1986 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Mark Fenech bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-26 ta' Frar 1988 fejn ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Tonio Borg;

Rat id-digriet tad-29 ta' April 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala perit mediku l-kirurgu ortopediku Carmel Sciberras, liema digriet gie revokat b'digriet iehor tat-23 ta' Novembru 1992;

Rat id-digriet tal-15 ta' Gunju 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala perit mediku l-kirurgu ortopediku Frederick Zammit Maempel;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-8 ta' Marzu 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta Carmelo Vella Ltd bhala "sprayer". Il-konvenut Joseph Cauchi, direttur ta' l-istess socjeta`, xehed li ghalkemm l-attur kien impjegat bhala "sprayer", kienu ghamluhielu cara mill-bidu li xoghlu kien se jkun "general handyman".

Dakinhar ta' l-incident, u cioe` fil-25 ta' Mejju 1984, kien qed jintefa' konkos go bajla permezz ta' "forklifter" komplet bil-"hopper". Joseph Cauchi stess spjega li peress li l-bajla ma kenitx wiesa' daqs il-"forklifter", huwa qabbad lill-attur biex izomm pjanca sabiex isservi bhal lembut. Qal li l-incident gara meta l-"forklifter" fetah il-"hopper" bil-mod biex jaqa' l-konkos u malli parti mill-konkos gie fuq il-pjanca din cediet jew tghawget. Huwa sostna li din il-procedura ntuzat kemm-il darba kemm qabel u kemm wara l-incident u sa fejn jaf hu dan kien l-uniku incident li gara. Ma jafx jekk il-pjanca dejjem kenitx ta' l-istess hxuna izda deherlu li dakinhar kienet "corrugated" u allura b'sahhitha aktar.

L-attur iddeskriva dak li gara hekk:

> *"Wara nofsinhar gie Joseph Cauchi ... u talab lil xi nies biex naghtu l-konkos fejn kienet gejja l-'crusher', f'post permanenti. Hu ghajjatli ghal dax-xoghol biex inzomm il-pjanca u wrieni kif irrid inzommha biex il-konkos jizzerzaq mil-'lifter' li fih il-'bucket', ighaddi u jizzerzaq ghal fuq il-pjanca li twasslu ghal mal-bajla tal-'crane'. Meta ghidt li Cauchi wriena x'ghandna naghmlu, dana tana struzzjonijiet dwar kif ghandek izzommha u minn fejn*

*taqbadha u kif tilqaghlha. Fil-fatt, waqt li kien ghaddej ix-xoghol, beda jerfa' l-pjanca mieghi biex jurini kif. Dan kien dejjem qabel l-incident.*

*F'daqqa wahda l-'bucket' tal-'lifter' li kien misjuq minn Paul Agius infetah bis-salt. Dal-'bucket' jinfetah permezz ta' 'lever' li jikkontrollah id-'driver' tal-'lifter'. B'hekk hareg wisq konkos fuq il-pjanca, il-pjanca nfaqghet f'daqqa; dak il-hin kont qed inzomm il-pjanca fuq spallejja tal-lemin; bid-daqqa tal-piz kbir li dahal fil-pjanca, jiena tmejjilt f'daqqa 'l quddiem; id-daqqa hassejtha f'forma ta' gibda b'sahhitha fuq spallti. Mal-ewwel intefhitli spallti. Jiena ma ntliftx minn sensija, pero` kont mibluh temporanejament, qisni ma nafx x'laqatni."*

In kontroezami qal:

*"Il-'lever' tal-'lifter' misjuq minn Agius ghandu kontroll ta' kemm konkos johrog mill-'bucket' ghal gol-pjanca. Pawlu Agius kien ilu zmien twil 'driver' tal-'lifter'.*

*Meta gara l-incident konna kwazi lestejna x-xoghol assenjat lilna. Konna ilna ghaddejjin xi seigha u kien ghad fadal biss xi zewg bajliet konkos.*

*Qabel l-incident ma kontx qed inhoss piz kbir fuq il-pjanca. Il-piz gie meta nfethet il-'bucket' f'salt.*

*Agius kien jidderigi l-kontroll tal-'bucket' wahdu ghaliex kellu vizibilita` tajba tax-xoghol li kien qed isir.*

*Ma nistax nghid ghaliex il-konkos nizel f'daqqa."*

Jigi osservat li filwaqt li l-attur isemmi lill-konvenut Paul Agius li kien id-"driver" tal-"lifter", Joseph Cauchi jghid li maghhom dakinhar kien hemm il-konvenut Joseph Agius.

Wara li l-Qorti kkunsidrat il-provi li tressqu, waslet ghall-konkluzjoni li s-socjeta` konvenuta ma kenitx qed tipprovdi "a safe system of work". Il-fatt li, kif isostni Joseph Cauchi, sa fejn jaf hu ma gara l-ebda incident iehor simili la qabel u lanqas wara ma jistax jezimi l-istess socjeta` mir-responsabbilta`. Anzi, galadarba l-incident gara, din is-socjeta` naqset meta kompliet tuza l-istess sistema. Ta' min ighid li filwaqt li fid-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet, Joseph

Cauchi stess isostni li t-tort ghall-incident kien ta' l-attur ghax ma zammx il-pjanca f'angolu ripidu izda zammu catt, meta xehed dan ma regax sostnieh. Fil-fatt kieku l-attur zamm il-pjanca catta, ma setax jigri dak li Cauchi stess jiddeskrivi li gara meta xehed fis-seduta peritali, u cioe` li **"l-pjanca bi ftit konkos fuqha laqtet lill-attur jidhirli fuq spalltu"**. Biex il-pjanca laqtet lill-attur fuq spalltu ried ikun qed jghollliha fil-livell ta' spalltu. Huwa fil-fatt xehed li kien qed izomm il-pjanca fuq spallejh tal-lemin.

Il-konvenuti Paul Agius u Joseph Agius ma xehdux u lanqas ressqu provi izda l-Qorti hija tal-fehma li l-kawza prossima ta' l-incident kienet is-sistema perikoluza tax-xoghol adoperata mis-socjeta` konvenuta. Ghalkemm jidher li l-incident gara meta waqa' piz mhux tas-soltu fuq il-pjanca li kien qed izomm l-attur, ma nistghux nassumu li dan gara minhabba negligenza jew traskuragni da parti tad-"driver" tal-"lifter". Mill-banda l-ohra, bl-uzu tal-prudenza, diligenza u hsieb tal-*bonus paterfamilias* wiehed seta' jipprevedi incident simili u s-socjeta` konvenuta kien imissha uzat sistemi differenti ta' xoghol u makkinarju aktar adattat. Joseph Cauchi xehed li ma jafx jekk il-pjanca dejjem kenitx ta' l-istess hxuna – anki f'daqshekk wera nuqqas ta' attenzjoni ghas-sigurta` tal-haddiema.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk ghall-incident hija responsabbli s-socjeta` konvenuta li ghandha taghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali.

Dwar danni jinghad li l-attur allega li huwa sofra dizabilita` permanenti fl-ammont ta' madwar 25%. Huwa esebixxa certifikat mediku (a fol. 5) rilaxxat mill-kirurgu ortopediku Mr. Carmel Sciberras fit-13 ta' Mejju 1985 (li huwa kkonferma fis-seduta peritali tad-29 ta' Jannar 1990) u iehor rilaxxat mill-kirurgu ortopediku Mr. John Casaletto rilaxxat fit-3 ta' Dicembru 1985 li t-tnejn jistabilixxu tali persentagg.

L-espert mediku l-kirurgu ortopediku Mr. Frederick Zammit Maempel ezamina lill-attur fl-4 ta' Settembru 1992 u kkonkluda li l-attur "ma wera ebda evidenza oggettiva ta' dizabilita`, izda wera sinjali li jissuggerixxu kontribuzzjoni suggettiva" u kkonkluda li fl-opinjoni tieghu l-attur ma sofra ebda dizabilita` permanenti. Biex il-Qorti tista' tiskarta, kif qed jippretendi l-attur li tiskarta, din il-konkluzjoni, irid ikun hemm ragunijiet gravi u impellenti. Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha u semghet ix-xiehda ta' l-espert mediku, ma ssibx li hemm dawn ir-ragunijiet u ghalhekk ikollha tikkonkludi li l-attur mhuwiex intitolat ghal-likwidazzjoni ta' danni bhala *lucrum cessans*.

Nigu b'hekk ghad-*damnum emergens*. L-unici danni li, fil-fehma tal-Qorti, l-attur huwa intitolat ghalihom jirrigwardaw perijodu wara l-incident li fih jidher li huwa ma hadimx peress li, ghalkemm indika viziti lil tobba u fizjoterapista u anke pilloli li ghadu jixtri, ma esebixxa l-ebda rcevuta f'dar-rigward. L-attur pero` xehed li sa sena mid-data ta' l-incident huwa rcieva l-paga nominali minghand is-socjeta` konvenuta u dan oltre Lm300 minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali talli wegga' u wara sena qalbuh fuq ir-"relief". F'xi Mejju tal-1987 dahal jahdem ma' Francis Garage bhala "sprayer" fejn dam xi hdax-il xahar (ara xiehda tieghu tat-3 ta' Mejju 1988 a fol. 60), imbaghad, wara diversi xhur ma jahdimx, izda mhux izjed minn sena, qaghad ftit taz-zmien "self-employed" bhala "sprayer" u wara beda jahdem bhala bennej bhala "self-employed" (ara xiehda tieghu tas-26 ta' Jannar 1995 a fol. 67). Ghalhekk jidher li almenu ghal perijodu ta' sentejn l-attur ma kienx qed jahdem, cioe` minn meta waqaf jircievi paga minghand is-socjeta` konvenuta sakemm beda jahdem ma' Francis Garage. Fil-fehma tal-Qorti l-attur haqqu li jigi kompensat ghat-telf ta' qliegh matul dan il-perijodu bhala danni li attwalment garrab b'konsegwenza ta' l-incident fejn safa' mwegga'. Li wegga' fl-incident in kwistjoni m'hemmx dubju, li ghal xi zmien kien qed jiehu l-kura mehtiega lanqas m'hemm dubju, u li ma hadimx ghal sentejn ma giex kontestat.

Fit-3 ta' Mejju 1988 l-attur xehed li hu kellu paga grossa ta' Lm38 fil-gimgha u meta kien jahdem "overtime" kien idahhal Lm50; gieli kien jigi perijodu shih ta' "overtime" u mhux tliet xhur biss f'sena. F'seduta li nzammet fl-10 ta' Dicembru 1991 l-attur ippropona bla pregudizzju li bhala kompromess jithallas is-somma ta' Lm3500 ghas-sentejn xoghol li tilef u jcedi t-talba ghad-dizabilita`. Kieku l-attur baqa' fl-impjieg tas-socjeta` konvenuta fuq paga ta' Lm38 fil-gimgha kien idahhal paga grossa totali ta' Lm3952. Zidiet ghall-gholi tal-hajja, "bonuses" u "overtime" kienu jtellghu din il-figura ferm aktar. Inoltre kieku fl-ewwel sena l fiha kien qed jircievi l-paga nominali baqa' jahdem regolarment, kien idahhal anke ghall-"overtime" u xi bonuses. Minflok kellu jistrieh fuq dhul mill-assistenza socjali. Ma saret l-ebda prova kemm kien id-dhul tieghu mill-assistenza socjali u, stante li hawn si tratta ta' danni attwali l-Qorti se tasal ghal-likwidazzjoni ta' dawn id-danni *arbitrio boni viri* u tillikwida d-*damnum emergens* fl-ammont ta' Lm3,000.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tillibera lill-konvenuti Joseph Cauchi, Paul Agius u Joseph Agius mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Carmelo Vella Ltd u ghalhekk

(1) tiddikjara lill-istess socjeta` konvenuta responsabbli ghall-incident li gara fil-25 Ta' Mejju 1984 li sehh fil-barriera limiti tan-Naxxar proprjeta' ta' l-istess socjeta` f'liema incident wegga' l-istess attur kagun tan-negligenza ta' l-istess socjeta` konvenuta,
(2) tillikwida d-danni li sofra l-attur rizultat ta' l-incident imsemmi fl-ammont ta' Lm3000, u
(3) tikkundanna lill-konvenuti Anthony Vella, Joseph Vella u Carmelo Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta' Carmel Vella Limited ihallsu lill-attur din is-somma ta' Lm3000 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti nomine.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**